

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-6 ta' Marzu 2014 – Northern Ireland Department of Agriculture and Rural Development vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-248/12 P)⁽¹⁾

(Appell — FAEGG, FAEG u FAEŻR — Infiq eskluż mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea — Ammissibbiltà tar-rikors għal annullament — Sitwazzjoni tal-appellant li ma huwiex direttament affettwat mid-deċiżjoni inkwistjoni)

(2014/C 184/02)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Northern Ireland Department of Agriculture and Rural Development (rappreżentant: K. Brown, solicitor)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Donnelly u P. Rossi, aġġenti)

Suġġett

Appell mid-digriet tal-Qorti Ġeneral (It-Tmien Awla) Northern Ireland Department of Agriculture and Rural Development vs Il-Kummissjoni, tas-6 ta' Marzu 2012, T-453/10, li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali čāħdet bħala inammissibbli rikors intiż għall-annullament parpjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/399/EU (innotifikata bid-dokument Numru C (2010) 4894), tal-15 ta' Lulju 2010, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri taħt it-Taqsima ta' Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEŻR), taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), sa fejn din teskludi ċertu nfiq imġarrab mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq (ĠU L 184, p. 6)

Dispożittiv

- 1) *L-appell huwa miċħud.*
- 2) *In-Northern Ireland Department of Agriculture and Rural Development huwa kkundannat ibati l-ispejjeż relatati ma' dan l-appell.*

⁽¹⁾ ĠU C 200, 07.07.2012.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tas-6 ta' Marzu 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hof van Beroep te Gent – il-Belġju) – Bloomsbury NV vs Belgische Staat

(Kawża C-510/12)⁽¹⁾

(Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura — Ir-Raba' Direttiva 78/660/KEE — Artikolu 2(3) — Prinċipju ta' stampa vera u ġusta — Artikolu 2(4) — Obbligu ta' informazzjoni — Artikolu 2(5) — Obbligu ta' deroga — Artikolu 32 — Metodu ta' evalwazzjoni bbażata fuq il-prezz storiku — Akkwist minn kumpanniċċia ta' attiv b'xejn)

(2014/C 184/03)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż